



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Frar 2019
(OR. en)

6801/19
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0043(NLE)

FRONT 77
COWEB 25

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Frar 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 90 final
Suġġett:	Anness ta' Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Montenegro

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 90 final.

Mehmuż: COM(2019) 90 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.2.2019
COM(2019) 90 final

ANNEX

ANNESS

ta' [...]

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro
dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-
Kosta fil-Montenegro**

ANNESS

FTEHIM DWAR L-ISTATUS

**bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija
Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Montenegro**

L-UNJONI EWROPEA

u l-MONTENEGRO,

Minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Partijiet",

BILLI jistgħu jinħolqu sitwazzjonijiet fejn l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", tikkoordina kooperazzjoni operattiva bejn Stati Membri tal-UE u l-Montenegro, inkluż fit-territorju tal-Montenegro,

BILLI jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas legali fil-forma ta' ftehim dwar l-istatus għal sitwazzjonijiet meta l-membri tat-tim tal-Aġenzija se jkollhom poteri eżekuttivi fit-territorju tal-Montenegro.

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li jenħtieġ li l-azzjonijiet kollha tal-Aġenzija fit-territorju tal-Montenegro jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali,

IDDEĊIDEW LI JIKKONKLUDU L-FTEHIM LI ĠEJ:

Artikolu 1
Kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim

1. Dan il-Ftehim għandu jkopri l-aspetti kollha li huma meħtieġa għat-twettiq tal-azzjonijiet mill-Aġenzija li jistgħu jsiru fit-territorju tal-Montenegro fejn il-membri tat-tim tal-Aġenzija jkollhom poteri eżekuttivi.
2. Dan il-Ftehim għandu japplika biss fit-territorju tal-Montenegro jew f'partijiet minnu.
3. L-istatus u d-delimitazzjoni taħt il-liġi internazzjonali fit-territorji rispettivi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Montenegro bl-ebda mod ma hija affettwata la minn dan il-Ftehim u lanqas minn kull att imwettaq fl-implimentazzjoni tiegħu mill-Partijiet jew f'isimhom, inkluż l-istabbiliment ta' pjanijiet operazzjonali jew il-parteċipazzjoni f'operazzjonijiet transfruntiera.

Artikolu 2
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

- (1) “azzjoni” tfisser operazzjoni konġunta, intervent rapidu fil-fruntiera jew operazzjoni ta' ritorn;
- (2) “operazzjoni konġunta” tfisser kwalunkwe azzjoni mmirata biex tindirizza l-immigrazzjoni illegali jew kriminalità transfruntiera jew li għandha l-għan li ttipprovdi aktar assistenza teknika u operattiva fil-fruntieri tal-Montenegro ġar ta' Stat Membru u mwettqa fit-territorju tal-Montenegro;
- (3) “intervent rapidu fil-fruntiera” tfisser azzjoni mmirata biex tindirizza b'mod rapidu sitwazzjoni b'diffikultajiet speċifiċi u sproporzjonati fil-fruntieri tal-Montenegro ġar ta' Stat Membru u mwettqa fit-territorju tal-Montenegro għal perjodu limitat ta' żmien;
- (4) “operazzjoni ta' ritorn” tfisser operazzjoni li tkun ikkoordinata mill-Aġenzija u tinvolvi l-għoti ta' rinforzar tekniku u operazzjonali minn Stat Membru wieħed jew aktar li fiha persuni rimpatrijati minn Stat Membru wieħed jew aktar jiġu rritornati fuq bażi furzata jew fuq bażi volontarja lejn il-Montenegro;

- (5) “kontroll tal-fruntieri” tfisser il-kontroll ta’ persuni mwettqa fuq il-fruntiera b’reazzjoni esklussiva għall-intenzjoni li wieħed jaqsam jew għall-att ta’ qsim ta’ dik il-fruntiera, irrispettivament minn kull konsiderazzjoni oħra, li tikkonsisti f’verifiki fuq il-fruntieri fil-punti tal-qsim tal-fruntieri u s-sorveljanza tal-fruntieri bejn il-punti tal-qsim tal-fruntieri;
- (6) “Membru ta’ tim” tfisser membru jew tal-persunal tal-Aġenzija jew membru ta’ tim ta’ gwardji tal-fruntiera u persunal rilevanti ieħor minn Stati Membri parteċipanti, inklużi gwardji tal-fruntiera u persunal rilevanti ieħor li jkunu ssekondati mill-Istati Membri mal-Aġenzija biex jiġu skjerati f’azzjoni;
- (7) “Stat Membru” tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;
- (8) “Stat Membru tal-orijini” tfisser l-Istat Membru li membru ta’ tim ikun gwardja tal-fruntiera jew membru rilevanti ieħor tal-persunal tiegħu;
- (9) “data personali” tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma’ persuna fiżika identifikata jew identifikabbli; persuna identifikabbli hija persuna li tista’ tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b’mod partikolari b’referenza għal identifikatur bħal isem, numru ta’ identifikazzjoni, data dwar il-post, identifikatur onlajn jew aktar fatturi speċifiċi għall-identità fiżika, fiżjoloġika, ġenetika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali ta’ dik il-persuna fiżika;
- (10) “Stat Membru parteċipanti” tfisser Stat Membru li jipparteċipa fl-azzjoni fil-Montenegro billi jipprovdi tagħmir tekniku, gwardji tal-fruntieri u persunal rilevanti ieħor mibgħut bħala parti mit-tim;
- (11) “Aġenzija” tfisser l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 2016/1624 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta.

Artikolu 3

It-Tnedija tal-Azzjoni

1. L-inizjattiva biex titnieda azzjoni tista’ tiġi proposta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Montenegro mill-Aġenzija. L-awtoritajiet kompetenti tal-Montenegro jistgħu jitolbu lill-Aġenzija biex tikkunsidra t-tnedija ta’ azzjoni.
2. It-twettiq ta’ azzjoni teħtieġ il-kunsens kemm tal-awtoritajiet kompetenti tal-Montenegro kif ukoll tal-Aġenzija.

Artikolu 4

Pjan Operazzjonali

Pjan Operazzjonali li jaqblu miegħu l-Istat Membru jew l-Istati Membri li jmissu mal-fruntiera taż-żona ta' operazzjoni, għandu jiġi miftiehem għal kull operazzjoni konġunta jew intervent rapidu fil-fruntiera. Il-pjan għandu jistabbilixxi fid-dettall l-aspetti organizzazzjonali u proċedurali tal-operazzjoni konġunta jew tal-intervent rapidu fil-fruntiera, inkluż deskrizzjoni u valutazzjoni tas-sitwazzjoni, l-għan u l-oġettivi operazzjonali, il-kunċett operazzjonali, it-tip ta' tagħmir tekniku li jrid jintuża, il-pjan ta' implimentazzjoni, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi oħra, Aġenziji u korpi oħrajn tal-Unjoni jew organizzazzjonijiet internazzjonali, id-dispożizzjonijiet fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, inkluża l-protezzjoni tad-*data* personali, il-koordinazzjoni, l-istruttura tal-kmand, tal-kontroll, tal-komunikazzjoni u tar-rapportar, l-arranġamenti organizzazzjonali u loġistiċi, l-evalwazzjoni u l-aspetti finanzjarji tal-operazzjoni konġunta jew tal-intervent rapidu fil-fruntiera. L-evalwazzjoni tal-operazzjoni konġunta jew tal-intervent rapidu fil-fruntiera għandha titwettaq b'mod konġunt bejn il-Montenegro u l-Aġenzija.

Artikolu 5

Kompiti u setgħat tal-membri tat-timijiet

1. Il-membri tat-tim għandu jkollhom l-awtorità li jwettqu l-kompiti u jeżerċitaw is-setgħat eżekuttivi meħtieġa għall-kontroll tal-fruntieri u għall-operazzjonijiet ta' ritorn.
2. Il-membri tat-tim għandhom jirrispettaw il-liġijiet u r-regolamenti tal-Montenegro.
3. Il-membri tat-tim jistgħu jwettqu l-kompiti u jeżerċitaw il-poteri fit-territorju tal-Montenegro biss fuq struzzjonijiet minn u, bħala regola ġenerali, fil-preżenza ta' gwardji tal-fruntiera jew persunal rilevanti ieħor tal-Montenegro. Il-Montenegro għandu jagħti struzzjonijiet lit-tim skont il-Pjan Operazzjonali meta xieraq. Il-Montenegro jista' jawtorizza lill-membri tat-tim biex jaġixxu f'ismu.

L-Aġenzija, permezz tal-Uffiċjal tal-Koordinazzjoni tagħha, tista' tikkomunika l-opinjonijiet tagħha lill-Montenegro dwar l-istruzzjonijiet mogħtija lit-tim. F'dak il-każ, il-Montenegro għandu jikkunsidra dawn il-opinjonijiet u jsegwihom sa fejn ikun possibbli.

F'każijiet fejn l-istruzzjonijiet maħruġa lit-tim ma jkunux konformi mal-Pjan Operazzjonali, l-Uffiċjal tal-Koordinazzjoni għandu jirrapporta immedjatament għand

id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jieħu miżuri xierqa, inkluża s-sospensjoni jew it-terminazzjoni tal-azzjoni.

4. Il-membri tat-tim għandhom jilbsu l-uniformi tagħhom waqt li jkunu qed iwettqu l-kompiti u jeżerċitaw is-setgħat tagħhom. Il-membri tat-tim għandhom ukoll jilbsu b'mod viżibbli identifikazzjoni personali u faxxa tal-idejn blu bl-insinji tal-Unjoni Ewropea u tal-Aġenzija fuq l-uniformi tagħhom. Għall-finijiet ta' identifikazzjoni fir-rigward tal-awtoritajiet nazzjonali tal-Montenegro, il-membri tat-timijiet għandhom, f'kull ħin iġorru magħhom id-dokument ta' akkreditazzjoni msemmi fl-Artikolu 8.
5. Waqt li jkunu qegħdin iwettqu l-kompiti u jeżerċitaw is-setgħat tagħhom, il-membri tat-tim jistgħu jgħorru armi, munizzjon u tagħmir tas-servizz kif awtorizzat skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru ta' domiċilju. Il-Montenegro għandu, qabel ma jintbagħtu l-membri tat-tim, jinforma lill-Aġenzija dwar l-armi, il-munizzjon u t-tagħmir tas-servizz permissibbli u dwar il-kondizzjonijiet biex jintużaw.
6. Waqt li jkunu qed iwettqu l-kompiti tagħhom u jeżerċitaw is-setgħat tagħhom, il-membri tat-tim għandhom ikunu awtorizzati jużaw il-forza, inkluż l-armi, il-munizzjon u tagħmir tas-servizz, bil-kunsens tal-Istat Membru tal-orijini u tal-Montenegro, fil-preżenza ta' gwardji tal-fruntiera jew persunal rilevanti ieħor tal-Montenegro u f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Montenegro. Il-Montenegro jista' jawtorizza lill-membri tat-tim biex jużaw il-forza mingħajr il-preżenza ta' gwardji tal-fruntiera jew persunal rilevanti ieħor tal-Montenegro.
7. Il-Montenegro jista' jawtorizza lill-membri tat-tim jikkonsultaw il-bażijiet tad-*data* tiegħu jekk ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet operazzjonali speċifikati fil-Pjan Operazzjonali u għall-operazzjonijiet ta' ritorn. Il-membri tat-tim għandhom jikkonsultaw biss id-dejta li tkun meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħhom u biex jeżerċitaw il-poteri tagħhom. Il-Montenegro għandu, qabel ma jintbagħtu l-membri tat-tim, jinforma lill-Aġenzija dwar liema bażijiet ta' *data* nazzjonali jistgħu jiġu kkonsultati. Dik il-konsultazzjoni għandha ssir skont il-liġi nazzjonali tal-protezzjoni tad-*data* tal-Montenegro.

Artikolu 6

Sospensjoni u Terminazzjoni tal-Azzjoni

1. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija jista' jissospendi jew itemm l-azzjoni, wara li jkun informa lill-Montenegro bil-miktub, jekk id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jew il-Pjan Operazzjonali ma jkunux rispettati mill-Montenegro. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinnotifika lill-Montenegro bir-raġunijiet għal dan.
2. Il-Montenegro jista' jissospendi jew jitttermina l-azzjoni, wara li jinforma lill-Aġenzija bil-miktub, jekk id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jew tal-Pjan Operazzjonali ma jkunux rispettati mill-Aġenzija jew minn kwalunkwe Stat Membru parteċipant. Il-Montenegro għandu jinnotifika lill-Aġenzija bir-raġunijiet għal dan.
3. B'mod partikolari, il-Montenegro jew id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija jista' jissospendi jew jitttermina l-azzjoni f'każijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali, ksur tal-prinċipju tan-non-refoulement jew tar-regoli tal-protezzjoni tad-data.
4. It-terminazzjoni tal-azzjoni ma għandha taffettwa l-ebda dritt jew obbligu li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim jew tal-Pjan Operazzjonali qabel tali terminazzjoni.

Artikolu 7

Privileġġi u Immunitajiet tal-membri tat-tim

1. Il-privileġġi u l-immunitajiet mogħtija lill-membri tat-tim tal-Aġenzija għandhom li jiżguraw suċċess fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet uffiċjali tagħhom matul l-azzjonijiet imwettqa skont il-Pjan Operazzjonali fit-territorju tal-Montenegro.
2. Id-dokumenti, il-korrispondenza u l-assi tal-membri tat-tim għandhom igawdu l-invjolabbiltà, ħlief fil-każ ta' miżuri ta' eżekuzzjoni li huma permessi skont il-paragrafu 7.
3. Il-membri tat-tim għandhom igawdu minn immunità mill-ġurisdizzjoni kriminali tal-Montenegro fir-rigward tal-attivitajiet u atti mwettqa fl-eżerċizzju ta' funzjonijiet uffiċjali fil-kors tal-azzjonijiet li jsiru f'konformità mal-pjan operazzjonali.

Fil-każ ta' allegazzjoni ta' reat kriminali li qed jitwettaq minn membru tat-tim, id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orġini għandhom jiġu nnotifikati minnufih. Qabel ma jinbeda proċediment quddiem il-qorti, id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija, wara kunsiderazzjoni bir-reqqa ta' kwalunkwe

rappreżentazzjoni li ssir minn awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti u l-awtoritajiet kompetenti tal-Montenegro, għandu jiċċertifika lill-qorti jekk l-att inkwistjoni kienx twettaq fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet uffiċjali matul l-azzjonijiet li jsiru f'konformità mal-pjan operazzjonali. Sakemm ma tasal iċ-ċertifikazzjoni mid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija, l-Aġenzija u l-Istat Membru ospitanti għandhom joqogħdu lura milli jieħdu xi miżuri li x'aktarx ifixxlu l-prosekuzzjoni kriminali sussegwenti possibbli ta' membru tat-tim mill-awtoritajiet kompetenti tal-Montenegro.

Jekk l-att jseħħ fil-qadi ta' funzjonijiet uffiċjali, il-proċediment ma għandux jibda. Jekk l-att ma kienx twettaq fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet uffiċjali, il-proċediment jista' jitlek. Iċ-ċertifikazzjoni mid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għandha tkun vinkolanti fuq l-awtoritajiet kompetenti tal-Montenegro. Il-privileġġi mogħtija lill-membri tat-tim u l-immunità mill-ġurisdizzjoni kriminali tal-Montenegro ma jeżentawhomx mill-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru ospitanti.

L-immunità tal-membri tat-timijiet mill-ġurisdizzjoni kriminali, ċivili u amministrattiva tal-Montenegro tista' tiġi rinunzjata mill-Istat Membru ta' domiċilju skont il-każ. Tali rinunzja trid tkun dejjem rinunzja espressa.

4. Il-membri tat-tim għandhom igawdu minn immunità mill-ġurisdizzjoni ċivili u amministrattiva tal-Montenegro fir-rigward tal-atti kollha li jwettqu fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet uffiċjali tagħhom matul l-azzjonijiet li jsiru f'konformità mal-pjan operazzjonali. Jekk jinbeda xi proċediment ċivili kontra l-membri tat-tim quddiem kwalunkwe qorti tal-Montenegro, id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini għandhom jiġu nnotifikati minnufih. Qabel ma jinbeda proċediment quddiem il-qorti, id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija, wara konsiderazzjoni bir-reqqa ta' kwalunkwe rappreżentazzjoni li ssir minn awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti u l-awtoritajiet kompetenti tal-Montenegro, għandu jiċċertifika lill-qorti jekk l-att inkwistjoni kienx twettaq mill-Membri tat-tim fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet uffiċjali matul l-azzjonijiet li jsiru f'konformità mal-pjan operazzjonali.

Jekk l-att twettaq fil-qadi ta' funzjonijiet uffiċjali, il-proċediment ma għandux jibda. Jekk l-att ma kienx twettaq fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet uffiċjali, il-proċediment jista' jitlek. Iċ-ċertifikazzjoni mid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għandha tkun vinkolanti fuq il-ġurisdizzjoni tal-Montenegro.

Il-bidu ta' proċedimenti minn membri tat-tim għandu jipprekludihom milli jinvokaw l-immunità mill-ġurisdizzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe kontrotalba relatata mat-talba prinċipali.

5. Membri tat-tim, li huma xhieda, jistgħu jkunu obbligati mill-awtoritajiet kompetenti Montenegrini, b'rispett sħiħ lejn id-dispożizzjoni tal-Artikoli 7.3 u 7.4, biex jipprovdu evidenza permezz ta' dikjarazzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet proċedurali tal-Montenegro.
6. Fil-każ ta' dannu kkawżat minn membru tat-tim fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet uffiċjali fil-kors tal-azzjonijiet li jsiru f'konformità mal-Pjan Operazzjonali, ir-Repubblika tal-Montenegro għandha tkun responsabbli għal kwalunkwe ħsara.

Fil-każ ta' dannu kkawżat minn negliġenza gravi jew kondotta skorretta volontarja jew jekk l-att ma jkunx twettaq fil-qadi ta' funzjonijiet uffiċjali minn membru tat-tim minn Stat Membru parteċipanti, ir-Repubblika tal-Montenegro tista' titlob, permezz tad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija, li l-kumpens jitħallas mill-Istat Membru parteċipanti kkonċernat.

Fil-każ ta' dannu kkawżat minn negliġenza gravi jew kondotta skorretta volontarja jew jekk l-att ma jkunx twettaq fil-qadi ta' funzjonijiet uffiċjali minn membru tat-tim li huwa membru tal-persunal tal-Aġenzija, ir-Repubblika tal-Montenegro tista' titlob li l-kumpens jitħallas mill-Aġenzija.

F'każ ta' dannu kkawżat fil-Montenegro, minħabba *force majeure*, la l-Montenegro, u lanqas l-Istat Membru parteċipanti, u lanqas l-Aġenzija, ma għandu jkollhom ebda responsabbiltà.

7. L-ebda miżura ta' eżekuzzjoni ma tista' tittieħed fir-rigward tal-membri tat-tim, ħlief fil-każ li jiġi istitwit kontribom proċediment ċivili mhux relatat mal-funzjonijiet uffiċjali tagħhom fil-kors ta' azzjonijiet imwettqa skont il-Pjan Operazzjonali.

Il-proprjetà tal-membri tat-tim, li tkun ċertifikata mid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija bħala meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet uffiċjali tagħhom, għandha tkun ħielsa minn sekwestru biex tiġi ssodisfata sentenza, deċiżjoni jew ordni. Fil-kuntest ta' proċedimenti ċivili, il-membri tat-tim ma għandhomx ikunu suġġetti għal xi

restrizzjoni fuq il-libertà personali tagħhom jew għal kwalunkwe miżura oħra ta' lġiem.

8. L-immunità tal-membri tat-tim mill-ġurisdizzjoni tal-Montenegro ma għandhiex teżentahom mill-ġurisdizzjonijiet tal-Istati Membri tal-orijini rispettivi tagħhom.
9. Il-membri tat-tim għandhom, fir-rigward tas-servizzi mwettqa għall-Aġenzija, ikunu eżentati mid-dispożizzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jistgħu jkunu fis-seħħ fil-Montenegro.
10. Il-membri tat-tim għandhom ikunu eżentati minn kwalunkwe forma ta' tassazzjoni fil-Montenegro fuq is-salarju u l-emolumenti mħallsa lilhom mill-Aġenzija jew mill-Istati Membri tal-orijini kif ukoll fuq kwalunkwe introjtu li jirċievu minn barra l-Montenegro.
11. Il-Montenegro għandu, f'konformità ma' daww il-liġijiet u r-regolamenti li jista' jadotta, jippermetti d-dħul ta' oġġetti għall-użu personali tal-membri tat-tim, u għandu jagħti eżenzjoni minn kull dazju doganali, taxxa u imposti relatati oħra ħliel għall-ħlasijiet għal ħżin, trasport u servizzi simili, fir-rigward ta' dawn l-oġġetti. Il-Montenegro għandu wkoll jippermetti l-esportazzjoni ta' dawn l-oġġetti.
12. Il-bagalji personali tal-membri tat-tim jistgħu jiġu spezzjonati biss f'każijiet ta' suspetti ġustifikati li fihom oġġetti li mhumieq għall-użu personali tal-membri tat-tim, jew oġġetti li l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tagħhom tkun projbita mil-liġi jew suġġetta għar-regolamenti tal-kwarantina tal-Montenegro. L-ispezzjoni ta' dawn il-bagalji personali għandha titwettaq biss fil-preżenza tal-membri/i tat-tim konċernati jew ta' rappreżentant awtorizzat tal-Aġenzija.

Artikolu 8

Dokument ta' akkreditazzjoni

1. L-Aġenzija għandha, f'kooperazzjoni mal-Montenegro, toħroġ dokument fil-lingwa/i uffiċjali tal-Montenegro u f'lingwa uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea lil kull membru tat-tim għall-għanijiet ta' identifikazzjoni fil-konfront tal-awtoritajiet nazzjonali tal-Montenegro u bħala prova tad-drittijiet tad-detentur biex iwettaq il-

kompiti u jeżerċita l-poteri msemija fl-Artikolu 5 ta' dan il-Ftehim u fil-Pjan Operazzjonali. Id-dokument għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja dwar il-membri: l-isem u n-nazzjonalità; il-grad jew it-titlu tal-impjeg; ritratt reċenti diġitalizzat u l-kompiti li huwa awtorizzat iwettaq matul l-iskjerament.

2. Id-dokument ta' akkreditazzjoni, flimkien ma' dokument tal-ivvjaġġar validu, jagħti lill-membri tat-tim aċċess għall-Montenegro mingħajr il-bżonn ta' viża jew awtorizzazzjoni minn qabel.
3. Id-dokument tal-akkreditazzjoni għandu jiġi ritornat lill-Aġenzija fi tmiem l-azzjoni.

Artikolu 9

Drittijiet Fundamentali

1. Fit-twettiq tal-kompiti tagħhom u meta jeżerċitaw is-setgħat tagħhom il-membri tat-tim għandhom jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali u l-libertajiet, inkluż fir-rigward tal-aċċess għal proċeduri tal-ażil, id-dinjità tal-bniedem u l-projbizzjoni tat-tortura, trattament inuman jew degradanti, id-dritt għal-libertà, il-prinċipju tan-non-refoulement u l-projbizzjoni tat-tkeċċijiet kollettivi, id-drittijiet tat-tfal u d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja. Waqt it-twettiq tal-kompiti tagħhom u fl-eżerċizzju tal-poteri tagħhom, ma għandhomx jiddiskriminaw b'mod arbitrarju kontra persuni fuq l-ebda bażi, inkluż is-sess, ir-razza jew l-orijini etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru. Kwalunkwe miżura li tinterferixxi mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali meħuda fit-twettiq tal-kompiti tagħhom u fl-eżerċitar tas-setgħat tagħhom għandha tkun proporzjonata mal-oġettivi ta' tali miżura u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawn id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali.
2. Kull Parti għandu jkollha mekkaniżmu ta' lmenti sabiex tittratta l-allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali mwettaq mill-persunal tagħha fil-qadi tal-funzjonijiet uffiċjali tagħhom matul operazzjoni konġunta jew intervent rapidu fil-fruntiera jew operazzjoni ta' ritorn imwettqa skont dan il-Ftehim.

Artikolu 10

Ipproċessar ta' data personali

1. L-ipproċessar ta' *data* personali mill-membri tat-tim għandu jsir biss meta jkun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħhom u l-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim mill-Montenegro, mill-Aġenzija jew mill-Istati Membri parteċipanti.
2. L-ipproċessar ta' *data* personali mill-Montenegro għandu jkun suġġett għal liġijiet nazzjonali tiegħu.
3. L-ipproċessar ta' *data* personali mill-Aġenzija u mill-Istat(i) Membru/i parteċipanti, inkluż f'każ ta' trasferiment ta' *data* personali lejn il-Montenegro, għandu jkun soġġett għar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-*data*, id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data*, id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/JHA tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni ta' *data* personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik gudidizzjarja f'materji kriminali u miżuri adottati mill-Aġenzija għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 kif imsemmi fl-Artikolu 45(2) tar-Regolament (UE) Nru 2016/1624.
4. F'każ li l-proċessar jinvolti trasferiment ta' *data* personali, l-Istati Membri u l-Aġenzija għandhom jindikaw, fil-mument tat-trasferiment tad-*data* personali lill-Montenegro, kwalunkwe restrizzjoni fuq l-aċċess tagħha jew l-użu tagħha, f'termini ġenerali jew speċifiċi, inkluż għal trasferiment, tħassir jew qerda. Fejn il-ħtieġa għal tali restrizzjonijiet issir ċara wara t-trasferiment tad-*data* personali, dawn għandhom jinformaw lill-Montenegro dwar dan.
5. *Data* personali miġbura għal għanijiet amministrattivi matul l-azzjoni tista' tiġi pproċessata mill-Montenegro, l-Aġenzija u l-Istati Membri parteċipanti, f'konformità mal-leġislazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data*.
6. L-Aġenzija, il-Montenegro u l-Istati Membri parteċipanti għandhom iħejju rapport komuni dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 5 ta' dan l-Artikolu fi tmiem kull azzjoni. Dan ir-rapport għandu jintbagħat lill-Uffiċjal tad-Drittijiet Fundamentali tal-

Aġenzija u lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data. Huma għandhom jirrapportaw għand id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija.

Artikolu 11

Tilwim u interpretazzjoni

1. Il-kwistjonijiet kollha li jirriżultaw b'rabta mal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu eżaminati b'mod konġunt mir-rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Montenegro u mir-rappreżentanti tal-Aġenzija, li għandhom jikkonsultaw l-Istat Membru jew l-Istati Membri ġirien tal-Montenegro.
2. Fin-nuqqas ta' soluzzjoni minn qabel, it-tilwim li jikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandu jiġi riżolt biss b'negozjar bejn il-Montenegro u l-Kummissjoni Ewropea, li għandha tikkonsulta lil kwalunkwe Stat Membru ġarr tal-pajjiż terz.

Artikolu 12

Dħul fis-seħħ, durata, sospensjoni u terminazzjoni tal-Ftehim

1. Il-Partijiet għandhom japprovaw il-Ftehim skont il-proċeduri legali interni tagħhom.
2. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar ta' wara d-data meta l-Partijiet ikunu għarrfu lil xulxin li lestew il-proċeduri legali interni tagħhom imsemmijin fil-paragrafu 1 permezz ta' mezzi diplomatiċi.
3. Dan il-Ftehim għandu jkun validu għal perjodu taż-żmien mhux definit.
4. Dan il-Ftehim jista' jiġi tterminat jew sospiż permezz ta' ftehim bil-miktub bejn il-Partijiet jew b'mod unilaterali minn waħda mill-Partijiet. F'dan il-każ tal-aħħar, il-Parti li jkollha l-intenzjoni tittermina jew tissospendi għandha tavża bil-miktub lill-Parti l-oħra b'dan b'mezzi diplomatiċi. It-terminazzjoni għandha tidħol fis-seħħ mill-ewwel jum tat-tieni x-xahar ta' wara dak meta tingħata n-notifika.
4. In-notifiki magħmula skont dan l-Artikolu għandhom jintbagħtu, fil-każ tal-Montenegro, lill-Ministeru tal-Intern u fil-każ tal-Unjoni Ewropea, lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi nhar il-.....

magħmul b'duplikat bil-lingwa tal-Montenegro u fil-lingwa/(i) uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

F'każ ta' diverġenza bejn il-verżjonijiet lingwistiċi awtentiċi, tipprevali l-verżjoni bl-Ingliż.

Firem:

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA FIR-RIGWARD TAL-IŻLANDA, IN-NORVEĠJA,
L-IŻVIZZERA U L-LIECHTENSTEIN**

Il-Partijiet Kontraenti jirrimarkaw ir-relazzjoni mill-qrib bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, b'mod partikolari bis-saħħa tal-Ftehimiet tat-18 ta' Mejju 1999 u tas-26 ta' Ottubru 2004 dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn il-pajjiżi mal-implimentazzjoni, mal-applikazzjoni u mal-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen.

F'tali ċirkostanzi huwa mixtieq li l-awtoritajiet tan-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra, jikkonkludu, mingħajr dewmien, ftehimiet bilaterali dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Montenegro f'termini simili għal dawk ta' dan il-Ftehim.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

Iż-żewġ partijiet jaqblu li l-astensjoni milli tittieħed kwalunkwe miżura li tista' tfixx xi prosekuzzjoni kriminali sussegwenti possibbli tal-membru tat-tim mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ospitanti tinkludi l-astensjoni minn attività li tiffaċilita b'mod attiv ir-ritorn tal-membru kkonċernat tat-tim mill-bini operazzjonali tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Montenegro lejn l-Istat Membru ta' orijini tiegħu, sakemm issir iċ-ċertifikazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija.